MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1187/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**EMMANUELE MAGRO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emmanuele Magro, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 910651 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-13 ta` Novembru, 2012, filghodu, f'dawn il-Gzejjer fl-inhawi ta` Gzira jew Sliema, ikkommetta serq ta` flus kontanti, ta` portafoll u ta` telefon cellularI *i-Phone*

minn gewwa vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tar-registrazzjoni LCQ706 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c) u bix-xorti tal-haga misruqa ghad-deteriment ta` Lisa Darmanin Demajo u/jew ta` persuni ohra, bi ksur tal-Artikolu 267, 271 (g), 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U wkoll talli fl-istess cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat;
3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, wara li kien ikkundannat f'Malta ghal-serq, kien fil-pussess ta` oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta` kont sodisfacenti ta` kif kienu gew legittimament ghandu u dan bi ksur ta` Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli fl-istess u cirkustanzi wara li sar jaf li l-oggetti li kien fil-pussess taghhom huma misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. Kif ukoll tallu fl-istess cirkustanzi, renda ruhu recediv b'diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qorti ta` Malta liema sentenzi huma decizi u ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula u dan bi ksur tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 267, 271 (g), 280 (1), 287, 334 A, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghal-terminu ta` sena (1) prigunerija mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------